MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 113/2007

**Untours Insurance Agency Limited (C-5655) ghal Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Mustafa M. Shebani u l-istess Mustafa M. Shebani (I.D. 28789(A)**

**vs**

**Francis Sultana u Motor Insurance Pool**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**<u>Dikjarazzjoni</u>**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi Mustafa M. Shebani, fit-tnax (12) ta' Frar, tas-sena elfejn u hamsa (2005) kien qieghed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni RVR-757, assigurata ma' Untours Insurance Agency Limited, fi Triq Sant; Anna fil-Furjana, sejjer fid-direzzjoni lejn il-Belt Valletta;

2. Illi l-imsemmi Mustafa M. Shebani, x'hin qabez Bieb il-Bombi fil-Furjana, u filwaqt illi kien fuq il-karreggjata ta' gewwa li gejja mid-direzzjoni ta' tas-Sliema, gie milqut fuq in-naha leminija ta' wara tal-vettura tieghu mill-karozza tal-linja bin-numru ta' registrazzjoni EBY-601;

3. Illi l-incident stradali sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, mprudenza u inosservanza tar-regolamenti stradali da parti tal-konvenut illi ghamel manuvra inadatta u perikoluza minghajr ma ha d-dovuti kawteli;

4. Illi rizultat ta' dan l-incident stradali l-vettura tal-attur garrbet hsarat estensivi u konsiderevoli u dan fl-ammont komplessiv ta' ghaxart elef, erba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm10,442.25);

5. Illi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni minnu kkagunati kif imfisser u dan cio' nonostante li gie nterpellat jaghmel dan;

6. Illi l-imsemmi konducent tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RVR-757 b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali msemmi;

**<u>Raguni tat-Talba</u>**

1. Illi Mustafa M. Shebani, fit-tnax (12) ta' Frar, tas-sena elfejn u hamsa (2005) kien qieghed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni RVR-757, assigurata ma' Untours Insurance Agency Limited, fi Triq Sant; Anna fil-Furjana, sejjer fid-direzzjoni lejn il-Belt Valletta;

2. Illi l-imsemmi Mustafa M. Shebani, x'hin qabez Bieb il-Bombi fil-Furjana, u filwaqt illi kien fuq il-karreggjata ta' gewwa li gejja mid-direzzjoni ta' tas-Sliema, gie milqut fuq in-naha leminija ta' wara tal-vettura tieghu mill-karozza tal-linja bin-numru ta' registrazzjoni EBY-601;

3. Illi l-incident stradali sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, mprudenza u inosservanza tar-regolamenti stradali da parti tal-konvenut illi ghamel manuvra inadatta u perikoluza minghajr ma ha d-dovuti kawteli;

4. Illi rizultat ta' dan l-incident stradali l-vettura tal-attur garrbet hsarat estensivi u konsiderevoli u dan fl-ammont komplessiv ta' ghaxart elef, erba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm10,442.25);

5. Illi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni minnu kkagunati kif imfisser u dan ghalkemm debitament interpellat jaghmel dan;

6. Illi l-imsemmi konducent tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RVR-757 b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali msemmi;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

**Talbiet**

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-imsemmi Francis Sultana, konducent tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBY-601, responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-tnax (12) ta' Frar, tas-sena elfejn u hamsa (2005) fi triq Sant' Anna gewwa l-Furjana u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess gew ikkagunati fil-vettura tal-attur, Mustafa M. Shebani;

2. Tillikwida d-danni, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, fl-ammont ta' ghaxart elef, erba' mija u tnejn u

erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm10,442.25) jew somma ohra verjuri;

3. Tikkundanna in solidum lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-istanti dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta’ danni, kif imfisser ;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mahruga kontra l-konvenut u l-assikurazzjoni tieghu datata hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar, tas-sena elfejn u sitta (2006) u bl-imghax skond id-data tan-notifika tal-prezenti rikors guramentat kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-**risposta tal-intimati** a fol. 31 tal-process fejn esponew illi:

1. L-esponent Francis Sultana ma kienx responsabbli ghall-incident tat-traffiku mertu ta’ din il-kawza. Huwa kien qed isuq bus Nru. EBY 601 fil-karreggjata tan-nofs qrib il-Bieb tal-Bombi, l-vettura Nru. RVR 757 misjuqa mir-rikorrent Mustafa M. Shebani baqghet diehla fil-genb tax-xellug tal-bus u baqghet diehla f’arblu tad-dawl. L-esponent qatt m’accetta responsabbilta’ ghall-incident ghax dejjem sostna li kull ma gara kien htija tal-imprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tar-rikorrent Mustafa M. Shebani.

2. L-esponent Francis Sultana ddelega lill-assikurazzjoni tieghu u cioe’ l-esponenti Motor Insurance Pool sabiex tittratta l-claim u l-pretenzjoni tat-terzi fil-konfront tieghu. Min-naha taghha Motor Insurance Pool ikkontestat l-attribuzzjoni tal-htija tal-assikurat taghha ghall-incident li sar mir-rikorrenti, kif ukoll il-pretenzjoni tal-parti l-ohra dwar likwidazzjoni tad-danni.

3. <u>Bla pregudizzju ghall-kwistjoni tal-htija</u>, l-esponenti jghidu li l-quantum tad-danni li l-parti l-ohra qed jippretendu huwa esagerat u jmur oltre d-danni li <u>materjalment u attwalment</u> garrbu konsegwenza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Ghalhekk ir-rikorrenti

ghandhom jaghmlu l-prova skond il-ligi tad-danni pretizi minnhom.

4. Huwa wkoll evidenti mit-tieni talba tar-rikorrenti li dawn qed jaccettaw li l-quantum tad-danni jista' jkun verjuri ghall-ammont pretiz u ndikat fir-rikors taghhom. Ghalhekk fil-kaz li jirrizulta li l-ammont ta' danni li din il-Qorti se tillikwida favur ir-rikorrenti se jvarja mill-ammont indikat minnhom, allura l-imghax legali m'ghandux jiddekorri kif pretiz mir-rikorrent b'effett mid-data tan-notifika tal-esponenti bir-rikors mahluf izda ghandu jibda jghodd mid-data tas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**PROVI**

L-attur Mustafa Shebani li kien qed isuq il-karozza Rover xehed li kien gej min-naha ta' Sliema sejjer lejn il-Furjana ghaddej minn magemb Portes des Bomes fil-lane ta' gewwa fuq ix-xellug. Giet il-bus mid-direzzjoni tal-Blata l-Bajda u hin minnhom kienu qed isuqu magembu xulxin u l-bus gibdet lejh lagemba u laqtitu fuq in-naha ta' wara fuq il-lemin tal-gemb, tilef il-kontrol tal-karozza, laqat arblu u spicca fuq il-bankina go sigra. Il-bus waqfet aktar 'l fuq. Lil bus hu qatt ma rah quddiemu imma biss tipprova taqbzu mill-gemb. Huma laqtu lill xulxin meta kienu fejn Portes des Bombes. Hu ried imur lejn il-Furjana u ma kellux ghalfejn jibdel il-lane. Bid-daqqa l-karozza tieghu daret lejn ix-xellug u laqtet l-arblu. Kien ghaddej b'xi 60 kilometru.

Il-konvenut xehed li kien qed isuq ix-xarabank gejj mill-Hamrun sejjer lejn il-Belt u qed jghaddi minn fejn il-Bombi fuq il-lane ta' barra. Qabez il-Bombi u kien hemm karozza li dahlet go fih imbaghad dahlet f'arblu. Il-karozza laqtitu fuq in-naha tax-xellug bil-wara taghha tal-lemin. Wara l-incident baqa' fuq l-istess lane. Meta laqtitu l-karozza hu kien diga qabez il-Bombi. Meta grat il-habta hu ma kienx rah il-karozza l-ohra. Hu sema daqqa imbaghad waqaf. Ix-

xarabank kellha daqqa zghira.  Kien ghaddej b'xi 40 kilometru.

Ps 57 Raymond Caruana xehed li nvestiga l-kaz u kkostata li l-habta grat fejn il-Bombi fejn hemm id-dahla ghal garage tal-pulizija kif taqbiza. Id-driver tar-Rover kien qallu li l-bus inbuttah u tefghu fuq is-sigra. Tal-bus qallu li l-iehor kien laqtu minn wara u  li l-karozza kellha daqqa fuq il-gemb tal-wara tal-lemin. Il-daqqa l-kbira grat  meta habat mal-pole u dahal fis-sigra.

Fl-okkorrenza hemm fid-Drivers statements li Shebani kien qallu li *"on passing Portes des Bombes on the inner lane the car was hit on the right rear side and pushed on the electrical pole*", mentri l-konvenut kien qallu li "*on passing Portes des Bombes the other car dashed onto his left hand side with the consequence that he lost control and finished up in the electrical pole".*

**Konsiderazzjonijiet**

Kif sewwa rrimarka l-konvenut, ir-responsabilita' ghall incident in kwistjoni trid tigi deciza fuq il-fatti kif graw u mhux fuq kongetturi.

Sfortunatament, f'dan il-kaz, is-Surgent li kien investiga l-kaz, ma sabx indikazzjoni li biha setgha juri xi spot of impact fuq l-iskizz. Mhux kontestat pero' li l-habta grat fil-parti d-dejqa magemb il-Bombi hekk kif iz-zewg sewwieqa gew biex jimmanuvraw magembha.

Iz-zewg sewwieqa qed iwahhlu f'xulxin li qabzu l-lane li fiha kienu u nvadew il-karreggjata ta' xulxin.  L-intimat Sultana jinsisti li hu baqa' fuq il-lane tieghu u ma kellux ghalfejn jibdel il-lane. L-istess qal Shebani. L-intimat indika lill Qorti li skond l-iskizz hu baqa' fuq il-lane li kien fih, izda l-iskizz jindika biss fejn spiccat il-bus wara l-incident, u mhux fejn kienet il-bus meta ghaddiet magemb il-Bombi.

Il-Qorti trid toqghod fuq dak li xedhu l-partijiet.  L-intimat ighid li hu ma kienx ra il-karozza ta' Shebani u induna bl-incident meta sema' daqqa u waqaf aktar il-fuq mill-

Bombi. (ara skizz). La l-intimat ma kienx rah il-karozza ta' Shebani ma jistax ighid jekk Shebani biddilx jew invadiex il-kareggjata li kien fiha. Ma jistax jippresumi li ghax grat il-habta meta Shebani kien biddel il-lane.

Min-naha l-ohra pero' Shebani xehed li hu ra l-bus magembu u din ghafset fuqu u tefghetu fuq l-arblu. Il-Qorti ghandhiex raguni ghaliex m'ghandiex temmen lill min ra' l-incident isir (mhux kongetturi) u taghti affidament lill minn li, la ra' l-karozza l-ohra u bil-kemm induna li kien habat. Hi aktar verosimili l-versjoni ta' Shebani li hu ra' il-bus magembu meta din giet biex timmanuvra magemb il-Bombi meta kienet gejja mid-direzzjoni tal-Blata l-Bajda, u kif qed taghmel hekk ghafset fuqu u tefghetu fuq l-arblu. Il-bus li kienet gejja mid-direzzjoni tal-Blata l-Badja bil-fors kellha tigbed lejn ix-xellug taghha biex tippunta tghaddi magemb il-Bombi. Dak il-hin hija kienet qed tidhol fil-karrreggjati tal-karozzi li jkunu gejjin min-naha ta' Tas Sliema. Kien biss wara li l-bus tghaddi minn magemb il-Bombi li hija kellha tigbed lejn il-lemin taghha biex tkompli fi triqtha lejn Sant Anna. Shebani kien ghaddej fil-lane tieghu magemb il-bankina u setgha jkompli ghaddej biex ikompli tiela lejn Sant Anna u ma kellux ghalfejn jibdel lanes. Meta Shebani ghadda magemb il-Bombi u gibed lejn il-lemin biex ikompli lejn Sant Anna il-karozza tieghu tigbdu lejn ix-xellug tieghu u mhux fuq il-lemin lejn il-bus. Meta zewg karozzi jghaddu fejn xulxin magemb il-Bombi l-vetturi t-tnejn jigbdu lejn ix-xellug u mhux lejn il-lemin.

Il-kwistjoni dwar speed f'dana l-kaz mhiex rilevanti billi l-incident gara minhabba l-manuvra inkonsulta ta' l-intimat u mhux minhabba xi speed ta' Shebani.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort ghall incident kien unikament ta' l-intimat.

**Danni**

Dwar danni, r-rikorrenti qed jitolbu s-somma ta' Lm 10,442.25 li tinkludi tiswija tal-vettura, parts, loss of use u excess. Huma gabu prova li l-vettura ma kienitx total loss billi l-pre-accident value tal-vettura kien ta' Lm 17,000 u

setghet tissewwa. Il-karozza damet biex tissewwa billi kien hemm bzonn ta’ parts minn barra li damu ma waslu billi kien hemm diffikolta’ biex jinstabu. L-intimati Bus Pool kienu infurmati b’dan id-dewmien u setghu ezaminaw il-karozza u jaghmlu liberament survey huma stess. Kif kienet il-karozza per’ ma setghetx tinsaq.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi ;
Billi tilqa t-talbiet tar-rikorrenti ;
U tikkundanna lill-intimati ihallsu s-somma ta’ ghaxart elef, erba’ mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm10,442.25) ekwivalenti ghall €24,323.90;
Bl-ispejjez kontra l-intimati u bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------